MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2018

Rikors Numru 188/16LM

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 3551/15 fl-ismijiet:

**George Spiteri (K.I. 609855M)**

***vs.***

**Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef (K.I. 137874M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu, 2016 minn Frank Cachia għan-nom u in rappreżentanza ta' **Marsaxlokk Football Club** (minn issa 'l quddiem "il-*club* rikorrent"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-22 t'Ottubru, 2015 ġiet preżentata Ittra Uffiċjali, hawn fuq indikata, intiża sabiex tirrendi ħames (5) kambjali eżegwibbli ai termini ta' Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi jiġi rilevat li Marsaxlokk Football Club għadu ma ġiex notifikat bl-Ittra Uffiċjali suindikata;*

*3. Illi minkejja li l-kambjali inkwistjoni jindikaw li dawn ġew iffirmati minn Robert Micallef għan-nom ta' Marsaxlokk Football Club meta dan kien President tal-Club, dan ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni da parti tal-istess Club sabiex jagħmel dan;*

*4. Illi għalhekk mhuwiex minnu li l-kambjali msemmija ġew iffirmati għan-nom tal-Club esponenti;*

*5. Illi peress li l-firem fuq il-kambjali inkwistjoni saru mingħajr awtorizzazzjoni da parti tal-esponenti, jirriżulta li Robert Micallef huwa unikament u personalment responsabbli għall-ħlas tal-istess kambjali, u mhux il-Club esponenti;*

*6. Illi għar-raġunijiet spjegati, teżisti raġuni valida u gravi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali inkwistjoni, skont il-Liġi;*

*7. Illi dana r-rikors qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali indikati u annessi mal-Ittra Uffiċjali numru 3551/15 u dan ai termini ta' Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **George Spiteri** (minn issa 'l quddiem "l-intimat Spiteri") li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Ġunju, 2016, li biha eċċepixxa:

*1. Illi t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali odjerni fil-konfront ta' Marsaxlokk Football Club għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu peress li dan il-club kien parteċipi fix-xiri tal-player Andrew Spiteri li għar-release tiegħu kienet dovuta s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) lill-esponent li kien akkwista d-drittijiet ta' dan il-player*

*professjonali preċedentement, kif inhu l-mertu tal-ftehim u l-kambjali li llum qed jiġu attakkati (Dak A*[1] *u Dok. B*[2] *rispettivament);*

*2. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, dawn il-kambjali ġew iffirmati mill-President ta' Marsaxlokk FC Robert Micallef formalment u kienet biss fuq insistenza tal-esponenti li huwa kien iggarantixxa l-ħlas tal-kambjali personalment u solidalment ma' Marsaxlokk FC dovut għall-għajdut li kienu qed jiċċirkolaw f'dak iż-żmien ta' nuqqas ta' likwidità tal-Club rikorrent.*

*3. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, ix-xiri tal-player imsemmi saħansitra huwa minuted kemm fir-records tal-laqgħat tal-kumitat ta' Marsaxlokk FC u saħansitra fir-records tal-Malta Football Association (MFA) kif ser jintwera ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors kif ukoll kif jidher mid-dokumenti annessi bħala Dok. C,D, E u F u konsegwentement dan ir-rikors mhu xejn ħlief frivolu u intiż sabiex itawwal iż-żmien li fih l-esponent jista' jitħallas;*

*4. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, ma jeżistux ir-raġunijiet gravi u validi biex il-Club rikorrent jopponi l-eżekuzzjoni tal-kambjali odjerni fil-grad rikjest mill-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta: "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni".*[3]

*5. Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, kif ġjaladarba ġie ritenut mill-Qrati tagħna u li għalhekk għandha titqies ġurisprudenza prevalenti in materja, l-kambjala fin-natura tagħha hija biss prova tad-dejn li nħoloq preċedentement u allura għandhom dejjem jitqiesu l-obbligi assunti minn min għandu l-obbligu tal-ħlas (bħar-rikorrent fil-każ in deżamina) u bilfors għandha ssir riferenza għall-ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet.*[4] *Għalhekk ir-rikorrent illum ma tistax tinjora l-obbligi assunti fl-iskrittura (Dok A) flimkien mal-kambjali odjerni (Dok. B) u li fiha a tenur tal-Artikolu 168 tal-Kap. 13, Robert Micallef iggarantixxa l-ħlas lill-esponent tad-dejn in solidum ma' Marsaxlokk FC;*[5]

---

[1] *A fol.* 11, il-kuntratt huwa datat 14.12.2009.
[2] *A fol.* 12 sa 24.
[3] ***Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi**, Prim' Awla, deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.*
[4] ***Scicluna vs. Vella**, Qorti tal-Kummerc, deċiża fit-18 ta' Marzu, 1965.*
[5] ***John Giordmaina et vs. Joseph Pace et**, Prim' Awla, deċiża fis-16 ta' Jannar, 2003.*

*Daqstant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju u superjuri ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għall-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% kif patwit mid-data tal-maturità ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat ir-Risposta tal-intimat l-ieħor **Robert Micallef** (minn issa 'l quddiem "l-intimat Micallef") li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru, 2016, li biha eċċepixxa:

*1. Illi t-talba magħmula mir-rikorrent Marsaxlokk Football Club permezz tar-rikors tat-8 ta' Marzu, 2016 għandha tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti, iżda dan mhux għar-raġunijiet u l-premessi mressqa mill-klabb rikorrent illi huma inveritieri, skorretti u għalkollox infondati.*

*2. Illi l-eżekuzzjoni tal-kambjali li jinsabu annessi mal-Ittra Uffiċjali 3551/15 (Dok. GS1 – GS5) għandha tiġi sospiża għar-raġunijiet segwenti illi lkoll jikkostitwixxu raġunijiet suffiċjenti ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*a) Illi b'mod preliminari l-kambjala annessa mal-Ittra Uffiċjali 3551/15 u mmarkata bħala Dok. GS1 jidher illi mmaturat fil-31 ta' Awwissu, 2010 - ossia aktar minn ħames snin qabel ma ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali hawn imsemmija datata t-22 ta' Ottubru, 2015. Kull azzjoni konċernanti d-debitu illi tirrappreżenta din il-kambjala għandha għaldaqstant titqies bħala preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

*b) Illi mingħajr preġudizzju u wkoll b'mod preliminari l-intimat George Spiteri naqas milli jsegwi dik il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 illi jeżiġi illi wara l-għeluq ta' ħames snin mid-data illi fiha tkun tista' tiġi eżegwita kambjala, 'l-eżekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.'*

*Illi fil-każ odjern għaddew aktar minn ħames snin mid-data illi fiha setgħet tiġi eżegwita l-kambjala su-riferita Dok. GS1 u għaldaqstant – semmai fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala partikolari – kellha tkun adottata l-proċedura kkontemplata fil-provvediment suċitat.*

*c) Illi mingħajr preġudizzju u wkoll b'mod preliminari l-esponent Robert Micallef ma għandux jitqies personalment responsabbli għall-ħlas tal-kambjali indikata fl-Ittra Uffiċjali 3551/15, u dan stante illi l-istess esponent kien iffirma l-kambjali mertu tal-ittra uffiċjali 3551/15 għan-nom tar-rikorrent Marsaxlokk Football Club u fil-vesti tiegħu bħala President tal-Klabb.*

*Illi l-esponent Robert Micallef, f'dak kollu ili għandu x'jaqsam mal-akkwist tal-player Andrew Spiteri mill-klabb rikorrent, dejjem mexa bil-kunsens u bl-awtorizzazzjoni sħiħa tal-istess klabb Marsaxlokk FC u hekk aġixxa għan-nom tal-klabb hawn imsemmi. Dan kif diġà ġie saħansitra kkonfermat fl-ambitu tal-proċeduri 1081/15LM minn persuni illi kienu membri tal-kumitat tal-klabb rikorrent fiż-żmien relattiv.*

*Illi tant qatt ma kien involut fil-vesti tiegħu personali l-esponent Micallef f'dak li jikkonċerna l-akkwist tal-player Andrew Spiteri, illi meta ġie l-klabb rikorrenti biex jirrilaxxja l-istess player u hekk sar kuntratt ġdid ta' Jannar 2012 illi jiddelineja biċ-ċar d-drittijiet u l-obbligi tal-player u tal-klabb fiż-żmien inkwistjoni, l-esponent hawn imsemmi ma kien bl-ebda mod parteċipi fil-kuntratt de quo.*

*Jiġi reiterat illi huma għal kollox erronji, inġustifikati u skorretti l-premessi kontenuti fir-rikors promotur kif imressaq mill-klabb rikorrent quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema premessi qegħdin jiġu kategorikament miċħuda mill-esponent Micallef.*

*d) Illi mingħajr preġudizzju jissussistu wkoll raġunijiet fil-mertu gravi biżżejjed ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 sabiex tiġi ġustament opposta l-eżekuzzjoni tal-kambjali (Dok. GS1 - Dok. GS5) annessi mal-Ittra Uffiċjali 3551/15.*

*Illi jirriżulta b'mod ċar mill-kontenut tal-kuntratt ippreżentat mill-intimat Spiteri datat l-14 ta' Diċembru, 2009 illi l-ammont mertu tal-kambjali suriferit huwa intrinsikament marbut mas-servizzi professjonali pprovduti minn Andrew Spiteri lill-klabb rikorrent Marsaxlokk FC. Jinsab dikjarat fil-kuntratt suriferit: 'Nonetheless should the said Andrew Spiteri provide his services to another club up until 31/05/2014, and during the subsistence of this contract, then the outstanding balance payable to the said George Spiteri shall be due immediately and not as listed above.'*

*Illi Andrew Spiteri ġie rilaxxat minn Marsaxlokk FC fit-30 ta' Jannar, 2012, f'liema data ġie ffirmat ftehim bejn l-istess partijiet (Andrew Spiteri u Marsaxlokk FC) fejn Marsaxlokk FC kkostitwixxa ruħu bħala debitur tal-imsemmi Andrew Spiteri fl-ammont ta' €14,880.*

*Permezz tal-istess kuntratt datat it-30 ta' Jannar, 2012 il-partijiet hawn imsemmija ddikjaraw b'mod ċar illi, 'salv dak miftiehem f'din l-iskrittura privata ma hemm ebda kwistjonijiet oħra pendenti bejniethom.' – konferma illi fil-ġurnata inkwistjoni d-dejn indikat kien jikkostitwixxi l-unika pendenza relattiva għall-player inkwistjoni.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta odjerna, l-esponent Micallef umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrent Marsaxlokk Football Club u tgħaddi sabiex ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali 3551/15.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2016 fejn il-partijiet qablu illi l-provi mressqa fil-kawża Rikors Nru 1081/15LM għandhom jgħoddu bħala provi f'din il-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Frar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet</u>**

Dan huwa t-tieni rikors li sar *ai termini* tal-Artikolu 258(e) tal-Kap. 12 fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3551/2015 wara rikors li sar mill-intimat odjern Robert Micallef (Nru 1081/15LM) biex tiġi sospiża fil-konfront tiegħu l-eżekuzzjoni ta' ħames kambjali fl-ammont komplessiv ta' €45,000, li ġew reżi eżekuttivi bl-imsemmija ittra uffiċjali. Ir-rikors odjern sar minn Marsaxlokk FC biex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-istess kambjali għal raġunijiet allegatament gravi u validi. Dawn il-kambjali kienu nħarġu fir-rigward tal-ħlas lura ta' somma li kienet tħallset mill-intimat George Spiteri lill-*club* fejn qabel kien jilgħab ibnu Andrew Spiteri, biex dan ingħata r-*release* biex seta' jiġi ngaġġat mal-*club* rikorrent, liema somma l-*club* rikorrent, skont ftehim datat 14 ta' Diċembru, 2009 bejn l-intimat George Spiteri minn naħa u l-intimat Robert Micallef u l-*club* rikorrent min-naħa l-oħra, kellu jirrifondu lill-intimat George Spiteri. Skont il-*club* rikorrent ir-raġuni gravi u valida għalfejn l-eżekuzzjoni tal-kambjali għandha tiġi sospiża, hija li minkejja li l-kambjali inkwistjoni jindikaw li dawn ġew iffirmati minn Robert Micallef għan-nom ta' Marsaxlokk Football Club meta dan kien president tal-*club*, dan ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni da parti tal-istess *club* sabiex jagħmel dan u għalhekk mhuwiex minnu li l-kambjali msemmija ġew iffirmati għan-nom tal-*club* rikorrent. Marsaxlokk FC jsostni wkoll li peress li l-kambjali inkwistjoni saru mingħajr l-awtorizzazzjoni da parti tal-*club* rikorrent, Robert Micallef huwa unikament u personalment responsabbli għall-ħlas tal-istess kambjali, u mhux il-*club* rikorrent.

L-intimat George Spiteri jikkontendi li ma tistax issir oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjali *stante* li l-*club* rikorrent fuq il-kuntratt tal-14 ta' Diċembru, 2009 kien rappreżentat mill-president tiegħu ta' dak iż-żmien Robert Micallef, li rabat lill-*club* rikorrent ukoll, apparti lilu nnifsu bħala garanti *in solidum* fuq l-insistenza tal-intimat George Spiteri. Fil-fatt il-*club* rikorrent

ikkonferma l-ingaġġ ta' Andrew Spiteri, iben l-intimat Spiteri, bħala *player* mal-*club* rikorrent, kemm mill-kumitat ta' dak iż-żmien, kif ukoll bir-*release* tiegħu minn kumitat sussegwenti tal-c*lub* rikorrent.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Peress li l-partijiet qablu li l-provi ppreżentati fil-kawża Rikors Nru 1081/15LM għandhom jagħmlu parti mill-provi ppreżentati f'din il-kawża, il-Qorti a skans ta' repetizzjoni, qiegħda tagħmel riferiment għas-sentenza f'dik il-kawża li qiegħda tingħata llum ukoll, u għall-provi u riżultanzi li jsir riferiment għalihom f'dik is-sentenza.

*Provi fil-kawża Rikors Nru 1081/15LM*

Xehed **l-avukat Chris Bonett**[6], dak iż-żmien Viċi President tal-Malta Football Association**,** li spjega li fil-perijodu inkwistjoni, fl-2009, kienu japplikaw bejn il-partijiet involuti f'din il-kawża, regolamenti tal-MFA li kienu jistipulaw li kull trasferiment, kemm permezz ta' *release* jew akkwist ta' *player* minn xi *team,* kellu jkun reġistrat mal-MFA u fil-fatt kien ġie reġistrat ir-*release* u l-ingaġġ ta' Andrew Spiteri mal-*club* rikorrent. Il-ftehim tal-21 ta' Ottubru, 2010 bejn Andrew Spiteri, iben l-intimat, u l-*club* rikorrent[7] ġie ffirmat, apparti mill-*player,* għall-*club* rikorrent mill-intimat Robert Micallef bħala president, Peter Carabott bħala segretarju u Carmel Grech bħala teżorier. Ix-xhud jgħid li skont

[6] *A fol.* 22 sa 26 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[7] *A fol.* 82 sa 84 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

ir-regolamenti ta' dak iż-żmien, kien meħtieġ il-kunsens tal-president, is-segretarju u t-teżorier tal-*club* biex ftehim jorbot *club* tal-futbol reġistrat mal-MFA. Ix-xhud Dr Bonnet għamel riferiment għar-regolament 46 fl-istatut tal-MFA tal-2011 li qal li ma nbidilx fis-sustanza mill-2009, fejn jispeċifika:

> *"Agreements between Clubs or between Clubs and players"*:
>
> *"(1) (a) Any agreement regarding players entered into between Member Clubs or between Member Club and a Club affiliated with the Gozo F.A. and any agreement entered into between a Member Club and a player, shall not be valid unless such an agreement is approved by the Member Club's Management Committee concerned. Furthermore, such an agreement, shall be in writing, dated and must be signed on behalf of the Member Club concerned by its President, Secretary and Treasurer provided that these Officials are duly recognised in their office by the Association."*[8]

Dr Bonett ippreżenta wkoll dokumentazzjoni dwar il-kwistjoni li kienet anki spiċċat quddiem bord ta' inkjesta tal-MFA, li meta Andrew Spiteri kien ser jitlaq minn Marsaxlokk FC, irriżulta li dan kien għadu ma tħallasx il-flus li kienu dovuta mill-*club* bħala *fees* u l-bord tal-inkjesta kien ikkonkluda li dokument li suppost kien iffirmat minn Andrew Spiteri, li kien jgħid li kien tħallas ta' kollox, fil-fatt kien ġie falsifikat mill-*club* kif kien iffurmat dak iż-żmien. Sussegwentement Andrew Spiteri kien tħallas ta' kollox. Ix-xhud jgħid li minħabba dan il-każ u problemi oħrajn ta' finanzi, l-*management* tal-*club* kien spiċċa f'idejn l-MFA u reġa' lura għand il-*club* wara li kien ġie elett kumitat ġdid.[9] Il-mertu tal-każ odjern ma jittrattax id-drittijiet li kellu jitħallas Andrew Spiteri, imma l-ammonti dovuta lill-intimat George Spiteri. Iżda dwar dan ma

---

[8] *A fol.* 51, *Section* IV tar-Regolamenti tal-MFA rigward *players* reġistrati ma' *clubs,* membri mal-istess MFA U GFA*,* kif ukoll dwar *"operative dispositons and players' agents".*

[9] Ara dokumenti *a fol.* 78 sa 124A fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

kien hemm xejn irreġistrat mal-MFA, lanqas il-kuntratt ippreżentat *a fol.* 9 tal-proċess datat 14 ta' Diċembru, 2009, li hu l-qofol tal-vertenza odjerna.

Xehed **Robert Micallef**[10] li kien president ta' Marsaxlokk FC bejn l-2007 u l-2011. Micallef jgħid li l-*coach* ta' dak iż-żmien Patrick Curmi kien avviċina lil Andrew Spiteri bħala *player* biex jiġi ingaġġjat mill-*club*. Robert Micallef jgħid li l-kuntratt datat 14 ta' Diċembru, 2009 kien ġie ffirmat minnu bħala president ta' Marsaxlokk FC u spjega li dan il-kuntratt ma ġiex reġistrat mal-MFA għax ma kienx sar ftehim dwar trasferiment bejn *club* u *club,* iżda dwar is-somma għar-*release* tal-*club* fejn kien marbut il-*player,* li kien ħallasha missier il-player George Spiteri u għalhekk il-*club* għamel l-arranġament għall-ħlas bil-kambjali ma' George Spiteri. Robert Micallef jgħid li kien ġie awtorizzat biex jieħu sehem f'dawn it-trattattivi mill-kumitat ta' Marsaxlokk FC ta' dak iż-żmien kif konfermat mill-minuti li kienu jinżammu. Robert Micallef jgħid li huwa kien iffirma l-kambjali għan-nom tal-*club* kif awtorizzat mill-kumitat ta' dak iż-żmien u bil-kunsens tas-segretarju u tat-teżorier ta' dak iż-żmien. Però Micallef ma jispjegax kif fil-kuntratt iffirmat minnu li jinsab *a fol.* 9 jingħad:

> *"On the Second part, Robert Micallef Holder of Identity card Number 137874M and resident at...., and Marsaxlokk F.C. respectively, as duly authorised and represented hereon, by the above mentioned Robert Micallef, president of the Same club, hereinafter Jointly and in Solidum referred to as 'The Debtors'.*
>
> *......the debtor jointly and in solidum hereby constitute themselves as certain and liquid debtor in favour of the creditor George Spiteri who accepts, and this for the sum of forty five thousand Euro (€45,000)."*

[10] *A fol.* 131 sa 134 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

Il-kuntratt imsemmi jkompli jispeċifika li l-intimat George Spiteri kellu jitħallas erba’ pagamenti ta’ €5,000 il-wieħed fil-31.08.2010, fil-31.08.2011, fil-31.08.2012 u fil-31.08.2013 rispettivament, u pagament wieħed ta’ €25,000 fit-30.05.2014. Però ġiet stipulata kundizzjoni li jekk Andrew Spiteri jiġi trasferit għal *club* ieħor, il-bilanċ kollu jkun dovut lil George Spiteri mat-trasferiment. F’dan il-ftehiem ġie stipulat ukoll illi jekk ma jiġix effettwat xi parti mill-ħlasijiet stipulati fil-kuntratt, ikun dovut *“interest at the highest rate possible by Law ..... on the whole amount.”*

Xehed ukoll **Peter Carabott**[11] li kien segretarju ta’ Marsaxlokk FC mill-2008 sal-2011. Dan ikkonferma li Robert Micallef kien tella’ d-*deal* tal-akkwist ta’ Andrew Spiteri quddiem il-kumitat ta’ dak iż-żmien, li approvah. Ix-xhud jgħid li dak li għamel Micallef kien ġie awtorizzat mill-kumitat, inkluż minnu u mit-teżorier, anki li Micallef bħala president kien iffirma għan-nom tal-*club* garanzija għall-ħlas lura tal-flus inkwistjoni.

Xehed ukoll **Carmelo Grech**[12], it-teżorier ta’ Marsaxlokk FC ta’ dak iż-żmien, li wkoll ikkonferma li dak li kien għamel Robert Micallef bħala president kien awtorizzat mill-kumitat ta’ dak iż-żmien. Ix-xhud ikkonferma li kienu nżammu minuti ta’ dan, li kienu tħallew fil-post li kellu qabel il-*club* rikorrent.

Xehed ukoll **Patrick Curmi** li kien il-*coach* ta’ Marsaxlokk FC[13], li kkonferma li kien hu li laqqa’ lil Andrew Spiteri mal-*club*. Ix-xhud jgħid li għall-ewwel fid-diskussjonijiet hemm missier Andrew, George Spiteri, u Robert Micallef u xi drabi kien preżenti s-segretarju tal-*club*. Ix-xhud jgħid ukoll li Andrew Spiteri diġà kellu r-*release* mill-*club* li kien ingaġġat miegħu preċedentement.

[11] *A fol.* 135 sa 138 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[12] *A fol.* 139 sa 141 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[13] *A fol.* 143 sa 145 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

Xehed ukoll **Frank Cachia**, il-president attwali ta' Marsaxlokk FC[14], li kkonferma li huma kienu ħadu l-*management* tal-*club* mingħand l-MFA u ma sabu ebda dokumenti jew minuti li kienu jinżammu mill-kumitat ta' qabel, peress li qabel il-p*remises* tal-*club* kienu ġewwa Vendome Tower u wara kien imxew għal post ieħor u ma kellhomx aktar aċċess għal Verdome Tower. Il-Qorti tirrileva li dan ix-xhud ma tantx għamel sforz biex jipprova jsib id-dokumenti msemmija, imma moħħu kien biex jgħid li kull dokument uffiċjali tal-*club*, anki fiż-żmien il-kumitat ta' qabel, kien meħtieġ li jiġi ffirmat mill-president, mit-teżorier u mis-segretarju. Ix-xhud ippreżenta dokument li m'għandux x'jaqsam mal-vertenza odjerna[15], li juri li kien sar *transfer* ta' *player* fl-2010 bejn *club* u ieħor[16], fejn iffirmaw għall-*club* Robert Micallef bħala president, Peter Carabott bħala segretarju u Carmel Grech bħala teżorier, u għall-parti l-oħra, il-Floriana Football Club, iffirmaw ukoll il-president, is-segretarju u t-teżorier ta' dak il-*club*.

In kontroeżami[17] Frank Cachia qal li kien ilu president ta' Marsaxlokk FC mill-2015 u ma kienx involut fil-kumitat preċedenti. Ix-xhud jgħid li l-post fejn qabel kien il-*club* kien ingħata lura lil-Lands minn Robert Micallef mingħajr ma kien jaf ħadd. Ix-xhud jgħid li ma kellu ebda informazzjoni dwar il-każ ta' Andrew Spiteri u ta' missieru George Spiteri.

**George Spiteri** xehed[18] li kien ftiehem ma' Robert Micallef għan-nom ta' Marsaxlokk FC biex hu jħallas għar-*release* li t-tifel tiegħu kellu bżonn mill-*club* li kien miegħu qabel u mbagħad hu kellu jitħallas lura minn Marsaxlokk FC.

---

[14] *A fol.* 162 sa 170 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[15] *A fol.* 171 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[16] Għalhekk jaqgħu taħt ir-regoli tal-MFA.
[17] *A fol.* 224 sa 231 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[18] *A fol.* 174 sa 177 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

George Spiteri jgħid li peress li l-membri tal-kumitat ta' *club* jinbidlu, hu kien insista li apparti li jsiru l-kambjali, isir kuntratt fejn Robert Micallef ikun garanti personali flimkien mal-*club* u b'hekk sar il-ftehim tal-14 ta' Diċembru, 2009. George Spiteri jispjega li fir-rigward tal-kuntratt datat 30 ta' Jannar, 2012[19] li jissemma minn Robert Micallef, dwar it-tluq tat-tifel tiegħu minn ma' Marsaxlokk FC, fejn dan kien għad fadallu jitħallas is-somma ta' €14,880 u li dan il-ftehim kien issupera kwalsiasi kuntratt ieħor ta' bejniethom, dan kien qed jagħmel riferiment għall-arretrati tal-paga li t-tifel tiegħu kellu jieħu mingħand Marsaxlokk FC [20] u mhux għall-kuntratt ta' bejnu (George Spiteri) u bejn Marsaxlokk FC.

In kontroeżami[21] George Spiteri jikkonferma li huwa ma kienx tħallas ta' ebda kambjala. Hu qal li ma ndaħalx fit-trasferimenti ta' ibnu, però huwa qiegħed jitlob li jiġi rimborżat is-somma ta' €45,000 li huwa kien ħallas u li Marsaxlokk FC u Robert Micallef kienu ntrabtu li jħallsuh lura *in solidum,* liema somma hija koperta bil-kambjali. Spiteri jgħid li huwa kien ġentlom biżżejjed li ma ppressax għall-ħlas mill-ewwel għax kien jaf li l-*club* kellu problemi finanzjarji.

Xehed ukoll iben l-intimat **Andrew Spiteri**[22] li jispjega wkoll d-differenza bejn il-kuntratt ta' xogħol li kellu hu ma' Marsaxlokk FC u l-ftehim li kellu missieru mal-*club* ikkonfermat bil-kambjali. Ix-xhud ippreżenta l-kuntratt li huwa kellu mal-*club*[23] u l-ittra bejn l-avukat tiegħu u Dr Chris Bonett, dak iż-żmien Viċi President tal-MFA[24], dwar il-kundizzjonijiet u s-salarju li kellu ma' Marsaxlokk FC, li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-flus tat-*transfer release* li kien ħallaslu

[19] *A fol.* 124 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[20] Kif jindika l-istess kuntratt.
[21] *A fol.* 210 sa 217 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[22] *A fol.* 178 sa 188 u 193 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[23] *A fol.* 189 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[24] *A fol.* 190 u 191 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.

missieru. Ix-xhud jgħid però li huwa kien preżenti meta sar il-kuntratt bejn missieru u l-*club* rappreżentat minn Robert Micallef, dak iż-żmien president tal-*club.* Ix-xhud jgħid li sakemm spiċċa minn ma' Marsaxlokk FC*,* Robert Micallef kien għadu president tal-*club*.

In kontroeżami[25] Andrew Spiteri jgħid li kwantu għall-kuntratt tiegħu *a fol.* 124 fejn isemmi il-*"free and unconditional release",* dan ovvjament qed jagħmel riferiment għall-flus dovuti lilu bħala *player* mill-*club* u jgħid li hu ma kellux x'jaqsam mal-kuntratt ta' missieru.

Fl-aħħar nett xehed permezz ta' *affidavit* **l-avukat Malcolm Cassar**[26] li kien firmatarju tal-kuntratt tal-14 ta' Diċembru, 2009, fejn ikkonferma li ż-żewġ partijiet daħlu għall-ftehim volontarjament u Robert Micallef kien jaf li kien qed jagħti garanzija personali għax kien jaf li dik kienet kundizzjoni li George Spiteri insista fuqha meta aċċetta li jsir il-ħlas dovut lilu bil-mod kif ġie miftiehem.

*Provi mressqa fil-kawża odjerna Rikors Nru 188/2016LM*

**Frank Cachia** jgħid fl-*affidavit* tiegħu[27] li meta ġie notifikat bir-Rikors Nru 1081/15LM, kien għamel il-verifiki tiegħu biex jara jsibx xi kuntratt bejn Robert Micallef u George Spiteri, u qal li ma kien sab xejn. Dan il-ftehim lanqas jinsab fir-*records* tal-MFA. Cachia jammetti li kien hemm xi flus li kellhom jitħallsu lil Andrew Spiteri għax fil-passat kien *player* ma' Marsaxlokk FC, liema flus

[25] *A fol.* 201 sa 209 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[26] *A fol.* 198 fl-atti tar-Rikors Nru 1081/15LM.
[27] *A fol.* 43 u 44.

eventwalment tħallsu, però jinnega li l-kambjali bejn il-president ta' qabel Robert Micallef u George Spiteri kienu saru bil-kunsens tal-kumitat ta' dak iż-żmien. Il-kummenti u l-konklużjonijiet li jasal għalihom Frank Cachia f'dan l-*affidavit* tiegħu mhumiex qiegħed isir riferiment għalihom hawnhekk għax huma proprjament sottomissjonijiet u mhux xhieda fuq fatti, li m'għandhom ebda piż probatorju, aktar u aktar meta x-xhud *ex admissis* qal li ma kienx involut ma' Marsaxlokk FC fiż-żmien rilevanti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi l-azzjoni odjerna tista' twassal biex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali inkwistjoni *ai termini* tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Il-liġi tipprovdi li kambjala jew *promissory note* maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, titqies bħala titolu eżekuttiv hekk kif tintbagħat lill-aċċettant ittra uffiċjali wara li tagħlaq id-data tal-ħlas tagħha u ma tkunx għadha tħallset. Il-liġi teżiġi li l-ittra uffiċjali mibgħuta lid-debitur aċċettant għandha tavżah, taħt piena ta' nullità, bil-jedd tiegħu li jopponi dik it-talba għall-ħlas fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra billi jressaq rikors li bih jopponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħal dik.[28]

Ir-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* huma li (a) l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tal-persuna li tintalab tħallasha jew tal-mandatarju tagħha jew (b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni" u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid

[28] *Proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma dawn ir-raġunijiet gravi u validi.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **240 Contracting Limited *vs.* Marsaxlokk Football Club**[29]:

> "Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun...."

Illi skont din is-sentenza, il-liġi ma tgħidx tassattivament x'inhuma dawn "ir-raġunijiet oħra gravi u validi" bi skop:

> "... Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naħa tal-leġislatur, iżda t-tħollija għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*[30];
>
> Illi jissemmew każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 253(e).
>
> Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista'

---

[29] P.A., 19.09.2013.
[30] P.A.,16.12.2008 fil-kawża fl-ismijiet **Henry Depasquale *vs.* Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.**

> titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti.[31] Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala[32], jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha.[33] Iżda l-fatt li l-eżekuzzjoni ta' kambjala minn sensiela ta' kambjali maħruġa u aċċettati tkun inżammet b'ordni ta' xi qorti, ma jżommx tabilfors l-eżekuzzjoni ta' kambjala oħra minn sensiela bħal dik, u dan għaliex irid jitħares il-karattru awtonomu ta' kambjala bħala strument ta' kreditu[34];
>
> Illi ladarba, f'dan il-każ, il-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi."[35]

Min-naħa l-oħra is-siwi nnifsu tal-kreditu hija konsiderazzjoni li din il-Qorti ma tistax tidħol fiha fi proċedimenti bħal dawn[36] għaliex hija kwistjoni li ddewwem il-ħlas tal-kambjali.[37]

Tqis illi l-kwistjoni mqajma mill-*club* rikorrent li l-firma ta' Robert Micallef fuq il-kambjali bħala president tal-*club* saret mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-kumitat ta' dak iż-żmien u għalhekk ma torbotx lill-*club* rikorrent, hija raġuni valida u gravi li tista' tingħata għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali. Imma ladarba f'dan il-każ il-kambjali baqgħu ma ġewx ġirati, il-Qorti ma tistax twarrabhom għalkollox mill-qafas li fihom inħarġu u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni jirreferu. Mill-kuntratt li jinsab *a fol.* 11 tal-atti tal-kawża Rikors Nru 1081/15LM, mill-provi mressqa u mix-xhieda tas-segretarju u tat-teżorier ta' Marsaxlokk FC ta' dak iż-żmien, jirriżulta għall-kuntrarju li dak li għamel Robert Micallef sar bl-awtorizzazzjoni tal-kumitat ta' dak iż-żmien u għalhekk it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali ma tistax tiġi

[31] Q.A.,03.02.2012 fil-kawża fl-ismijiet **Ian Pecorella *vs*. Sovereign Caterers Ltd. *et*.**
[32] P.A., MCH, 25.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet **Panaco Marketing Ltd *vs*. Walter Bonnici *pro et noe*.**
[33] Art. 123 tal-Kap. 13 u ara P.A., MCH, 18.05.2011 fil-kawża fl-ismijiet **Brian's Tyre Services Ltd *et vs*. Paul Fenech.**
[34] Q.A., 28.09.2012 fil-kawża fl-ismijiet **Pater Finance Co. Ltd *vs*. Dr Kevin Schembri *et*.**
[35] P.A., TM, 16.01.2003 fil-kawża fl-ismijiet **John Giordmanina *et vs*. Joseph Pace *et*.**
[36] Ara P.A.,12.10.2012 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Spiteri *vs*. PF Steel Ltd.**
[37] Art. 198(2) tal-Kap. 13.

milqugħha għar-raġuni invokata minn Marsaxlokk FC. Il-*club* rikorrent kulma għamel kienu għadd ta' insinwazzjonijiet li però ma ġewx isostanzjati. Wara kollox kif inhu risaput, il-Qorti trid tiddeċiedi mhux biss skont il-liġi, iżda wkoll abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li qed jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, l-*club* rikorrent għandu għalhekk jipprova l-allegazzjoni tiegħu kontra dak li hemm miktub fuq l-istess kambjali.[38] Dan assolutament ma sarx, anzi għall-kuntrarju jirriżulta mill-provi li l-kumitat ta' dak iż-żmien kien appoġġa lill-president ta' dak iż-żmien Robert Micallef fid-deċiżjonijiet li kien ħa. Il-*club* rikorrenti kif inhu mmexxi llum mill-kumitat attwali, ma ssostanzjax l-allegazzjonijiet tiegħu, liema allegazzjonijiet mad-daqqa t'għajn jidhru li kienu ddettati mill-konvenjenza u ma kinux ibbażati fuq fatti ppruvati. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Dr H. Lenicher *vs.* J. Camilleri**:[39]

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".
>
> Hekk ukoll hawn mhux qed jingħad li effettivament ma sarx xi manuvrar biex jiġi evitat li l-vapur jinqabad għad-djun preċedenti, iżda sempliċement li dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi."

Illi kif jingħad fl-artikolu 1002 tal-Kap. 16, *pacta sunt servanda*:

[38] Il-firmatarju kien Robert Micallef *obo* Marsaxlokk FC.
[39] P.A., 31.05.1972.

"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

Illi f'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Vella *noe. et. vs.* Joseph Abela *noe. et.***,[40] intqal dan li ġej:

"Meta l-kliem tal-att huma ċari l-interpretu għandu joqgħod għal dan il-kliem u mhux jirrikorri għall-konġetturi ... Però fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imam hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti l-kliem is-sens ordinarju tiegħu, fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti, li għandu joqgħod. Jekk għall-ġudikant id-diċitura użata ma tistax ma twassalx oġġettivament għal sens ċar u univoku hu dan is-sens illi għandu jfisser il-volontà espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taħt eżami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jiġi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gemma Fenech *vs.* John Bugeja** ġie ritenut illi:

"Tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt tkun waħda ċara allura ma huwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan kif jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16."[41]

---

[40] Q.A., 14.01.2002.

[41] Q.A., 20.10.2003.

Illi l-artikolu 1003 tal-Kap. 16 jgħid li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Għalhekk hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk mill-kumpless tal-kuntratt innifsu jkun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilħaqq ifissru dak li kitbu. Imma, min-naħa l-oħra, meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volontà tagħhom, bħalma jidher f'dan il-każ, l-ebda inġerenza mhi tollerabbli biex timla l-*lacuna* ta' dak li wieħed mill-kontraenti seta' kellu *in forma mentis,* iżda li b'danakollu ma ġietx ukoll hekk minnu espressa.[42]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Clementino Caruana *et vs.* Emmanuela Agius**[43] intqal ukoll:

> "L-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li tgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni. (**Kollez. Vol. XXXIV, pt.1, pġ.27**). L-interpretazzjoni għandha biss tittieħed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relativa għall-kwistjoni prinċipali **(Kollez.Vol. XXXI, pt.i, pġ.49**).

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited vs. L-Għajn Construction Company Limited**[44], ingħad:

> "Hawnhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materji ta' kuntratti –
>
> i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili; **Carmelo Bajada *noe. vs.* Fr. S. Cachia *et. noe.*** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju, 1973);

[42] **Paul Camilleri *et. vs.* Joseph Glanville *et. noe. et.***, P.A., 28.04.2003.
[43] App. Inf., 22.11.2002.
[44] Q.A., 28.06.2011.

ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal interpretazzjoni **(Kollez. Vol.XXXIV.i.p27).** L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.

iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi interpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien" (**J. Bartolo** ***et. vs.*** **A. Petroni** deċiża 7 ta' Ottubru, 1997).

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot" (**J. Zammit** ***v.*** **Michael Zammit Tabone** ***et. noe.*** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar, 1997)."

Mill-provi jirrizulta li l-kambjali *de quo* ġew effettivament iffirmati mill-president ta' dak iż-żmien Robert Micallef għan-nom tal-*club* rikorrent, apparti li Robert Micallef iggarantixxa wkoll personalment dan id-dejn tal-*club*. Illi għalhekk l-oġġezzjoni ta' Marsaxlokk Football Club ma treġġix fattwalment.

Però l-*club* rikorrenti jqajjem punt proċedurali ieħor, li jidher li ġie injorat mill-partijiet l-oħra f'dawn il-proċeduri, u ċjoè li Marsaxlokk Football Club ma ġiex notifikat bl-Ittra Uffiċjali Numru 3551/15. Mill-kopji tal-Ittra Uffiċjali li jinsabu esebiti fl-atti tal-kawża 1081/15LM, fir-rigward tal-*club* rikorrenti ir-riferti huma negattivi. Il-partijiet l-oħrajn fil-proċeduri odjerni u fil-proċeduri Rikors Numru

1081/15LM, ma kkontestawx l-affermazzjoni li l-*club* rikorrent ma kienx notifikat bl-ittra uffiċjali. Il-*club* rikorrent sar jaf b'dawn il-proċeduri meta ġie notifikat bir-Rikors Numru 1081/15LM ippreżentat mill-intimat odjern Robert Micallef. L-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 jeżiġi li ssir in-notifika tal-ittra uffiċjali biex il-kambjali jiġu reżi eżegwibbli kontra l-persuna notifikata. Fis-sentenza suċitata fl-ismijiet **240 Contracting Limited *vs.* Marsaxlokk Football Club** jingħad:

> "Illi l-Qorti tibda biex tgħid li wieħed irid jagħraf li l-kwestjoni tas-siwi tan-notifika ta' att ġudizzjarju titlob stħarriġ f'azzjoni normali u, ġeneralment, mhux f'azzjoni speċjali li tirrigwarda l-eżekutabilità ta' kambjala jew *promissory note*. Huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' ittra uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibilità hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu. Il-liġi tispeċifika wkoll x'inhu meħtieġ *ad validitatem* biex l-interpellazzjoni ġudizzjarja tkun tiswa, iżda 'lil hinn minn hekk ma titlob l-ebda formalità oħra."

Fil-fatt il-*club* rikorrent seta' ma rrisponda xejn għar-rikors l-ieħor numru 1081/15LM u seta' ma ppeżentax ir-rikors promotur odjern, ladarba ma ġietx notifikata lilu l-Ittra Uffiċjali 3551/15. Għad li f'dawn il-proċeduri l-*club* rikorrent ma tax ruħu b'notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, il-fatt li ppreżenta r-rikors promotur fl-atti tal-istess ittra uffiċjali fejn ressaq raġunijiet li fil-fehma tiegħu huma validi u gravi biżżejjed li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali, għandu jitqies daqslikieku l-*club* rikorrent ta ruħu b'notifikat bl-Ittra Uffiċjali 3551/15, 'il għaliex l-iskop tan-notifika tal-ittra uffiċjali huwa proprju li l-aċċettant jingħata l-opportunità li jressaq *entro* t-terminu mogħti mil-liġi raġunijiet validi u gravi għalfejn għandha tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali, liema dritt ġie fil-fatt eżerċitat mill-*club* rikorrent permezz tal-proċeduri odjerni.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet kollha premessi, tiċħad bħala infondata fl-ambitu tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba tal-*club* rikorrent għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-ħames (5) kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru 3551/2015, li għalqu rispettivament fil-31 ta' Awwissu, 2010, fil-31 ta' Awwissu, 2011, fil-31 ta' Awwissu, 2012, fil-31 ta' Awwissu, 2013 u fit-30 ta' Mejju, 2014 u għalhekk tiddikjara li m'għandux ikun hemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess kambjali fil-konfront tal-*club* rikorrent Marsaxlokk FC.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu a karigu tal-*club* rikorrent Marsaxlokk FC.**

Moqrija.